DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

tal-1 ta' Frar 2017[1]

"Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Rikors għad-danni — Att ta' adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea — Impenji dwar strateġija ta' riforma ġudizzjarja — Ħolqien segwit bl-eliminazzjoni tal-funzjoni ta' aġent pubbliku ta' eżekuzzjoni — Dannu subit mill-persuni maħtura bħala aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni — Monitoraġġ mhux żbaljat tal-impenji tar-Repubblika tal-Kroazja mill-Kummissjoni Ewropea — Ċaħda tar-rikors — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat"

Fil-Kawża C-239/16 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fil-25 ta' April 2016,

Ante Šumelj, residenti f'Zagreb (il-Kroazja),

Dubravka Bašljan, residenti f'Zagreb,

Đurđica Crnčević, residenti f' Sv. Ivan Zelina (il-Kroazja),

Miroslav Lovreković, residenti f' Križevci (il-Kroazja),

Drago Burazer, residenti f'Zagreb,

Nikolina Nežić, residenti f'Zagreb,

Blaženka Bošnjak, residenti f'Sv. Ivan (il-Kroazja),

Bosiljka Grbašić, residenti f'Križevci,

Tea Tončić, residenti f'Pula (il-Kroazja),

Milica Bjelić, residenti f'Dubrovnik (il-Kroazja),

Marijana Kruhoberec, residenti f'Varaždin (il-Kroazja),

Davor Škugor, residenti f'Sisak (il-Kroazjaa),

Ivan Gerometa, residenti f'Vrsar (il-Kroazja),

Kristina Samardžić, residenti f'Split (il-Kroazja),

Sandra Cindrić, residenti f'Karlovac (il-Kroazja),

1 — * Lingwa tal-kawża: il-Kroat.

Sunčica Glożinić, residenti f'Varaždin,

Tomislav Polić, residenti f'Kaštel Novi (il-Kroazja),

Vlatka Pižeta, residenti f'Varaždin,

irrappreżentati minn M. Krmek, odvjetnik,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn S. Ječmenica u G. Wils, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn M. Berger (Relatur), President tal-Awla, A. Borg Barthet u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li tinqata' l-kawża permezz ta' digriet immotivat, konformement mal-Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

Digriet

1 Permezz tal-appell tagħhom, Ante Šumelj, Dubravka Bašljan, Đurđica Crnčević, Miroslav Lovreković, Drago Burazer, Nikolina Nežić, Blaženka Bošnjak, Bosiljka Grbašić, Tea Tončić, Milica Bjelić, Marijana Kruhoberec, Davor Škugor, Ivan Gerometa, Kristina Samardžić, Sandra Cindrić, Sunčica Glożinić, Tomislav Polić u Vlatka Pižeta jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Frarr 2016, Šumelj *et* vs Il-Kummissjoni (T-546/13, T-108/14 u T-109/14, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2016:107), li permezz tagħha din il-qorti ċaħdet ir-rikors tagħhom għall-kumpens tad-dannu li huma allegatament ġarrbu minħabba l-aġir żbaljat tal-Kummissjoni Ewropea waqt il-monitoraġġ tagħha tal-osservanza tal-impenji tal-adeżjoni mir-Repubblika tal-Kroazja.

I. Id-dritt tal-Unjoni

2 L-Artikolu 36 tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2012, L 112, p. 21, iktar 'il quddiem

l-"Att ta' adeżjoni"), anness mat-Trattat bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU 2012, L 112, p. 10, iktar 'il quddiem it-"Trattat ta' adeżjoni"), jipprovdi li:

"1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja mill-qrib l-impenji kollha meħudin mill-Kroazja fin-negozjati dwar l-adeżjoni, inklużi dawk li għandhom jintlaħqu qabel jew sad-data tal-adeżjoni. Il-monitoraġġ mill-Kummissjoni għandu jikkonsisti minn tabelli ta' monitoraġġ aġġornati regolarment, id-djalogu taħt il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra […] missjonijiet ta' valutazzjoni mill-pari, il-programm ekonomiku ta' qabel l-adeżjoni, notifiki fiskali u, fejn meħtieġ, ittri ta' twissija bikrija lill-awtoritajiet Kroati. Fil-ħarifa tal-2011, il-Kummissjoni għandha tippreżenta Rapport ta' Progress lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fil-ħarifa tal-2012 hija għandha tippreżenta Rapport ta' Monitoraġġ Komprensiv lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Tul il-proċess kollu ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni għandha tagħmel użu wkoll mill-kontribut mill-Istati Membri u tikkunsidra l-kontribut minn organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili kif adatt.

Il-monitoraġġ tal-Kummissjoni għandu jiffoka b'mod partikolari fuq l-impenji li ttieħdu mill-Kroazja fil-qasam tad-drittijiet ġudizzjarji u fundamentali (l-Anness VII), inkluż l-iżvilupp kontinwu ta' rekords dwar ir-riforma u l-effiċjenza ġudizzjarja, it-trattament imparzjali ta' każijiet ta' reati tal-gwerra, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

[…]

Bħala parti integrali mit-tabelli u r-rapporti ta' monitoraġġ regolari tagħha, il-Kummissjoni għandha toħroġ valutazzjonijiet ta' kull sitt xhur sal-adeżjoni tal-Kroazja dwar l-impenji meħudin mill-Kroazja f'dawn l-oqsma.

2. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jieħu l-miżuri kollha adatti jekk jiġu identifikati kwistjonijiet ta' tħassib waqt il-proċess ta' monitoraġġ. […]"

3 Skont l-impenn Nru 1 li jinsab fl-Anness VII tal-Att ta' adeżjoni, intitolat "Impenji speċifiċi meħudin mir-Repubblika tal-Kroazja fin-negozjati tal-adeżjoni (imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(1) tal-Att tal-Adeżjoni)", (iktar 'il quddiem l-"impenn Nru 1"), ir-Repubblika tal-Kroazja obbligat ruħha "[l]i tkompli tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha għar-Riforma Ġudizzjarja".

4 L-Artikolu 36 tal-Att ta' adeżjoni japplika, skont l-Artikolu 3(5) tat-Trattat ta' adeżjoni, mid-data tal-iffirmar tal-imsemmi Trattat, jiġifieri mid-9 ta' Diċembru 2011.

II. **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

5 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 4 sa 32 tas-sentenza appellata u jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej.

6 Bl-għan tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Union, in-negozjati dwar il-Kapitolu 23 tan-negozjati tal-adeżjoni, intitolat "Setgħa ġudizzjarja u drittijiet fundamentali", infetħu fit-30 ta' Ġunju 2010.

7 Fl-estensjoni ta' pjan ta' azzjoni għar-riforma ġudizzjarja (iktar 'il quddiem il-"pjan ta' azzjoni 2010"), li jipprevedi b'mod partikolari l-istabbiliment ta' "aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni", il-Parlament Kroat adotta, fit-23 ta' Novembru 2010, l-Ovršni zakon (liġi dwar l-eżekuzzjoni forzata) u z-Zakon o javnim ovršiteljima (liġi dwar l-aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni), li stabbilixxew reġim ġdid ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Madankollu, id-dħul fis-seħħ ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-aġenti

pubbliċi ta' eżekuzzjoni ġie ffissat għal data sussegwenti. Il-Parlament Kroat adotta wkoll, fil-15 ta' Diċembru 2010, strateġija ta' riforma tal-ġustizzja għall-perijodu 2011-2015 (iktar 'il quddiem l-"istrateġija ta' riforma ġudizzjarja 2011-2015"), li tipprovdi, b'mod partikolari, li l-eżekuzzjoni forzata ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji kellha tiġi ttrasferita mill-qrati għall-aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni.

8 Wara l-pubblikazzjoni, fid-19 ta' Awwissu 2011, ta' sejħa pubblika għal kandidaturi bil-ħsieb li jinħatru aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni mill-Ministeru tal-Ġustizzja Kroat, l-appellanti, li kienu għaddew mill-kompetizzjoni inkwistjoni, inħatru aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni u kisbu l-awtorizzazzjoni sabiex jibdew jeżerċitaw l-attività tagħhom.

9 It-Trattat ta' adeżjoni bejn l-Istati Membru tal-Union u r-Repubblika tal-Kroazja, irratifikat f'Jannar 2012 mir-Repubblika tal-Kroazja, ġie ppubblikat fl-24 ta' April 2012 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fl-Artikolu 36 tiegħu, l-Att ta' adeżjoni, anness mat-Trattat ta' adeżjoni, jipprevedi l-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-impenji meħuda mir-Repubblika tal-Kroazja matul in-negozjati tal-adeżjoni.

10 Fit-22 ta' Diċembru 2011, il-Parlament Kroat iddeċieda li jipposponi l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-eżekuzzjoni forzata u tal-liġi dwar l-aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni. F'Mejju 2012, l-awtoritajiet Kroati kkomunikaw lill-Kummissjoni spjegazzjonijiet dwar ir-riforma tas-sistema ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji kif ukoll dwar l-abozzi tal-liġijiet korrispondenti. Fil-21 ta' Ġunju 2012, id-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar l-aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni ġie pposponut mill-ġdid. Fl-aħħar nett, permezz ta' liġi tat-28 ta' Settembru 2012, il-liġi dwar l-aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni tħassret peress li din il-professjoni ġiet eliminata sa mill-15 ta' Ottubru 2012.

11 Fir-rapport tagħha tas-26 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni indikat li r-Repubblika tal-Kroazja kienet adottat leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam tal-eżekuzzjoni ta' sentenzi sabiex tiggarantixxi l-applikazzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u tnaqqas in-numru ta' kawżi b'lura li huma marbuta mal-eżekuzzjoni ta' sentenzi. Fit-22 ta' April 2013, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea laqa' b'sodisfazzjoni dan ir-rapport ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni.

12 Ir-Repubblika tal-Kroazja saret membru tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.

III. **Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata**

13 Permezz ta' rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Settembru 2013 (Kawża T-546/13) u fis-17 ta' Frar 2014 (Kawżi T-108/14 u T-109/14), l-appellanti bdew azzjonijiet intiżi sabiex tiġi kkonstatata r-responsabbiltà tal-Unjoni għad-danni li huma qiesu li kienu ġarrbu u sabiex jiġi ffissat l-ammont tal-imsemmija danni.

14 Permezz ta' digriet tal-5 ta' Mejju 2014, il-Kawżi T-546/13, T-108/14 u T-109/14 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub, tal-proċedura orali u tas-sentenza finali.

15 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi bħala infondati.

IV. **It-talbiet tal-partijiet**

16 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tilqa' l-argumenti insostenn tal-appell tagħhom u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

17 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— prinċipalment, tiċħad l-appell bħala manifestament inammissibili;

— sussidjarjament tiċħad l-appell bħala manifestament infondat, u

— tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż tal-istanza.

V. **Fuq l-appell**

18 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti essenzjalment jinvokaw żewġ aggravji bbażati, rispettivament, fuq ksur tal-Artikolu 36 tal-Att ta' adeżjoni u fuq ksur tal-Artikoli 13 u 17 TUE.

19 Skont l-Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura, meta appell ikun, kompletament jew parzjalment, manifestament inammissibbli jew manifestament infondat, din il-qorti tista', f'kull ħin fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi li tiċħad dan l-appell, kompletament jew parzjalment, permezz ta' digriet motivat u dan mingħajr ma tagħti bidu għall-proċedura orali.

20 F'din il-kawża hemm lok li tiġi applikata din il-possibbiltà.

A. **Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 36 tal-Att ta' adeżjoni**

21 Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti essenzjalment isostnu li, bil-kontra ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kellha tikkonstata, konformement għall-Artikolu 36(1) tal-Att ta' adeżjoni, in-nuqqas ta' osservanza mill-awtoritajiet Kroati tal-impenji tagħhom minħabba l-posponiment u sussegwentement it-tħassir tal-liġi dwar l-aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni, kif ukoll tipproponi miżuri xierqa lill-Kunsill, skont l-Artikolu 36(2). Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta qieset li l-impenn Nru 1 ma kienx ikopri strateġija ta' riforma ġudizzjarja u pjan ta' azzjoni partikolari.

22 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-punti 46 sa 48 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali essenzjalment iddeċidiet li l-impenn Nru 1, li kien jipprevedi li r-Repubblika tal-Kroazja kellha tkompli tiżgura l-implementazzjoni effettiva tal-istrateġija ta' riforma ġudizzjarja u tal-pjan ta' azzjoni tagħha, ma kienx ikopri strateġija ta' riforma ġudizzjarja u pjan ta' azzjoni partikolari. Id-dikjarazzjonijiet ġenerali li jinsabu f'dan l-impenn jispjegaw ruħhom bil-fatt li l-perijodu li jiddekorri bejn id-data tal-iffirmar tal-Att ta' adeżjoni u d-data ta' adeżjoni effettiva, u b'mod partikolari l-monitoraġġ, matul dan il-perijodu, tal-impenji meħuda fil-kuntest tan-negozjati tal-adeżjoni, huwa kkaratterizzat minn skambji regolari bejn l-awtoritajiet tal-Unjoni u dawk tal-Istat aderenti. Dawn l-iskambji neċessarjament jirriżultaw f'aġġustamenti kemm min-naħa ta' parti kif ukoll min-naħa tal-oħra.

23 Barra minn hekk, fil-punti 49 sa 51 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset, b'mod partikolari, li l-istrateġija ta' riforma u l-pjan ta' azzjoni ċċitati fl-Anness VII tal-Att ta' adeżjoni ma kinux jirreferu biss għall-istrateġija ta' riforma ġudizzjarja 2011-2015 u għall-pjan ta' azzjoni 2010, billi dan il-pjan kien essenzjalment jiffissa oġġettivi fuq żmien qasir li kellhom jitwettqu matul is-sena 2010 u li, konsegwentement, kellu neċessarjament jiġi segwit minn pjan ġdid sad-data tal-adeżjoni effettiva, u li għaldaqstant, mill-impenn Nru 1 ma kien jirriżulta ebda obbligu għall-awtoritajiet Kroati li jistabbilixxu l-funzjoni ta' aġent pubbliku ta' eżekuzzjoni.

24 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li l-annullament tagħha jkun qiegħed jintalab kif ukoll l-argumenti legali invokati insostenn b'mod partikolari ta' din it-talba (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-

5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill, C-220/14 P, EU:C:2015:147, punt 111 u l-ġurisprudenza ċċitata). Aggravju li ma jinkludi ebda argument legali intiż li juri kif il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u li jikkostitwixxi sempliċi talba għal eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza, bi ksur tar-rekwiżiti imposti kemm mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mir-Regoli tal-Proċedura tagħha, ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Il Ponte Finanziaria vs UASI, C-234/06 P, EU:C:2007:514, punti 45 u 46).

25 Barra minn hekk, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-Qorti Ġenerali hija l-unika li għandha l-kompetenza, minn naħa, li tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-osservazzjonijiet tagħha tirriżulta minn dokumenti fil-proċess li ġew ippreżentati quddiemha, u, min-naħa l-oħra, li tevalwa dawn il-fatti. Ladarba l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha l-kompetenza sabiex teżerċita, skont l-imsemmi Artikolu 256, stħarriġ fuq l-applikazzjoni tal-liġi għal dawn il-fatti u l-konsegwenzi ta' dritt li waslet għalihom il-Qorti Ġenerali [ara, b'mod partikolari, id-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2015, Cap Actions SNCM vs Il-Kummissjoni, C-418/15 P(I), EU:C:2015:671, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata].

26 Madankollu, fil-kuntest ta' dan l-aggravju, minn naħa, l-appellanti ma jippreżentaw ebda argument legali preċiż intiż sabiex juri l-eżistenza ta' żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali wettqet. Fil-fatt, huma sempliċement isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet tali żball billi jiddikkjaraw, fil-punti 47 sa 51 tas-sentenza appellata, li l-impenn Nru 1 ma kienx ikopri strateġija ta' riforma ġudizzjarja u pjan ta' azzjoni partikolari. Madankollu, huma ma jressqu ebda argument konkret intiż sabiex jiġi identifikat l-iżball li l-Qorti Ġenerali wettqet fl-imsemmija punti tas-sentenza appellata.

27 Min-naħa l-oħra, sa fejn l-appellanti jsostnu, f'dan ir-rigward, fil-punt 9 tar-rikors tal-appell tagħhom, li r-Repubblika tal-Kroazja qatt ma adottat strateġija ta' riforma ġudizzjarja oħra jew pjan ta' azzjoni ieħor ħlief l-istrateġija ta' riforma ġudizzjarja 2011-2015 u l-pjan ta' azzjoni 2010, huma ma jispjegawx kif dan il-fatt jista' jaffettwa l-fondatezza tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 47 sa 51 tas-sentenza appellata. Fi kwalunkwe każ, dawn l-argumenti fir-realtà huma intiżi sabiex jimminaw l-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali mingħajr lanqas ma huwa ddikkjarat li l-Qorti Ġenerali żnaturat dawn il-fatti.

28 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala manifestament infondat.

B. **Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 13 u 17 TUE**

29 Permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali, li essenzjalment ikkonstatat, b'mod żbaljat, minn naħa, li l-Artikolu 13 TUE ma kienx rilevanti f'dan il-każ u, min-naħa l-oħra, li peress li l-Kummissjoni ma kinitx ħolqot aspettattivi fondati fil-konfront tal-appellanti, hija la kienet kisret l-Artikoli 13 u 17 TUE u lanqas il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Huma jsostnu li, billi ppreġudikat il-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali, il-Kummissjoni kisret ukoll l-Artikolu 13 TUE. Barra minn hekk, peress li din l-istituzzjoni ma aġixxietx konformement għall-Artikolu 17 TUE, b'mod partikolari, billi ma żguratx l-applikazzjoni tajba tad-dritt tal-Unjoni mir-Repubblika tal-Kroazja, hija kisret ukoll dan l-artikolu. Fil-fatt, skont l-appellanti, it-Trattat ta' adeżjoni, sa fejn huwa jipprevedi l-obbligu għal dan l-Istat li joħloq il-funzjoni ta' aġent pubbliku ta' eżekuzzjoni, jiggarantilhom, b'mod partikolari, id-dritt għax-xogħol, b'tali mod li huma setgħu, għaldaqstant, jisperaw b'mod leġittimu li jibdew jeżerċitaw il-funzjonijiet li għalihom huma kienu nħattru.

30 Għal dak li jirrigwarda dan l-aggravju, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-argumenti kollha li l-appellanti ressqu insostenn tiegħu huma bbażati fuq il-premessa li l-Artikolu 36 tal-Att ta' adeżjoni ħoloq l-obbligu, għall-awtoritajiet Kroati, li jistabbilixxu l-funzjoni ta' aġent pubbliku ta' eżekuzzjoni. Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-punt 23 ta' dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx hemm tali obbligu, mingħajr ma l-appellanti rnexxielhom jirribattu din il-konstatazzjoni. Konsegwentement, dan l-aggravju huwa manifestament infondat.

31 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li ż-żewġ aggravji mqajma insostenn ta' dan l-appell għandhom jiġu miċħuda u li dan għandu, għaldaqstant, jiġi miċħud kollu kemm hu bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat.

VI. **VI Fuq l-ispejjeż**

32 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-appellanti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tordna:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Ante Šumelj, Dubravka Bašljan, Đurđica Crnčević, Miroslav Lovreković, Drago Burazer, Nikolina Nežić, Blaženka Bošnjak, Bosiljka Grbašić, Tea Tončić, Milica Bjelić, Marijana Kruhoberec, Davor Škugor, Ivan Gerometa, Kristina Samardžić, Sandra Cindrić, Sunčica Gložinić, Tomislav Polić u Vlatka Pižeta huma kkundannati għall-ispejjeż.**

Firem